# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-23 ta' Frar 2022**

**Rikors Guramentat Numru : 209/2018 JPG**
**Kawza Numru : 25**

**MBM**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Fransina Abela u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati b' digriet datat 30 ta' Ottubru 2018 sabiex jirrapreżentaw l-assenti AIB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MBM datat 31 ta' Lulju 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti żżewgu nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fil-Knisja Parrokkjali tas-Sacro Cuor, Tas-Sliema, hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ, hawn anness u mmarkat bħala Dok. '**A**';*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieled il-minuri bl-isem ta' NB nhar X hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri hawn anness u mmarkat bħala Dok '**B**';*

3. *Illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti ġiet resa impossibli u dan minħabba*

*raġunijiet imputabbli unikament lill-intimat, u senjatament minħabba abbandun mingħajr ebda raġuni, għal-liema raġuni ż-żwieġ tagħhom tkisser irrevokabilment, u dan kollu kif se jiġi ampjament pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi, fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet numru 2092/18 awtorizzat lir-rikorrenti sabiex previa l-esenzjoni tal-istess esponenti mill-proċedura tal-medjazzjoni, tipproċedi b'kawża għas-separazzjoni personali, kopja awtentika tad-digriet qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok '**C**';*

5. *Illi l-kontendenti ilhom separati de facto minn xulxin għal dawn l-aħħar sebgħa (7) snin, meta l-intimat AIB abbanduna d-dar matrimonjali, u mill-imsemmija sena sal-ġurnata tal-lum il-partijiet qatt ma regħhu għexu flimkien;*

6. *Illi l-esponenti ma għandhiex konoxxenza ta' fejn jinsab lokat l-intimat AIB u dana stante' li l-aħħar indirizz li għexu flimkien kien 'Amarena', Triq Emanuel Decelis, Pembroke;*

7. *Illi inoltre' l-esponenti ġiet konsapevoli tal-fatt li l-intimat kellu problema mal-ġustizzja u kellhu jiskonta sentenza, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok '**D**';*

8. *Illi l-esponenti tissoleva li ma hemmx assi partenti lill-kontendenti fil-komunjoni tal-akkwisti;*

9. *Illi l-esponenti qatt ma kien kien involut fit-trobbija u finanzjarjament tal-minuri u barra minn hekk il-minuri lanqas biss jafu;*

10. *Illi l-esponenti hija l-persuna l-iktar idonea fost il-kontendenti sabiex tiehu dawk id-deċiżjonijiet kollha importanti għall-aħjar ġid tat-tifel fosthom dawk li jirrigwardaw is-saħħa, l-edukazzjoni tal-minuri;*

11. *Illi huwa fl-aħjar interess tal-minuri li l-esponenti tiġi awtorizzata tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha meħtieġa fl-interessi supremi tiegħu waħidha bid-drittijiet u*

*bid-dmirijiet kollha naxxenti mill-awtorita tal-ġenitur skont id-dispożizzjoni tal-Liġi;*

12. *Illi l-intimat baqa' inadempjenti fl-obbligazzjonijiet imposti fuqu bħala ġenitur bil-Liġi, senjatament l-obbligazzjonijiet kif imposti a tenur tal-Artikolu 3B tal-Kodici Ċivili ta' Malta (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), u dana kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

13. *Illi l-aġir tal-intimat għandu jwassal għad-dekadenza tiegħu mis-setgħat li għandu bħala ġenitur b' mod partikulari a termini tal-artikolu 154 tal-Kodici Ċivili ta' Malta (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan għall-aħjar ġid u interess tal-istess minuri;*

14. *Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti peronsalment.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba raġunijiet surreferiti u imputabbli unikament lill-intimat;*

2. *Tordna t-tnehhija tal-intimat mis-setgħat u jeddijiet kollha tiegħu bħala ġenitur tal-minuri NB ai termini tal-Liġi, u partikolarment bl-applikazzjoni tal-artikolu 154 tal-Kodici Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) ;*

3. *Tvesti dawn is-setgħat u jeddijiet hekk imneħħija tal-awtorita tal-ġenitur intimat fir-rigward tal-minuri NB f' idejn ir-rikorrenti, u dan prevja dawk il-modalitajiet kollha li jidrilha xierqa u opportuni u fl-aħjar interess tal-minuri;*

4. *Tordna formalment il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri lir-rikorrenti fejn hija tkun tista' tiehu d-decizjoniet kollha rigward il-minuri kemm ordinarji kif wkoll extra ordinarji;*

5. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku l-eventwali sentenza tas-separazzjoni personali mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat ili hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Dr. Fransina Abela datata 31 ta' Jannar 2019, li taqra hekk:

1. *Illi hija r-rikorrenti li ghandha l-piz tal-prova u cioe illi trid tkun ir-rikorrenti li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qeghda taghmel fil-konfront tal-assenti intimat huma fondati;*

2. *Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'ghandhomx konoxxenza tal-fatt ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qieghdin jirriservaw d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma dan il-kaz.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal datat 20 ta' Jannar 2020 li permezz tieghu l-avukati difensuri tal-partijiet ddikjaraw li ma jehtiegux trattazzjoni finali u stiednu l-Qorti tipprocedi ghas-sentenza (vide fol 158);

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet permezz ta' affidavit datat 4 ta' Dicembru 2018** ***(vide fol 25 et seq)*** fejn spjegat illi hija kienet iltaqghat mal-intimat waqt li kienet btala Ruma fis-sena 2006. Kienu baqghu f'kuntatt kontinwu u filfatt sussegwentement kien gie Malta u stabillixxa ruhhu f' Malta. Erba xhur qabel izzewgu l-intimat mar jirrisjedi maghha fir-residenza tal-genituri taghha u wara xi zmien marru jabitaw f'post mikri ghar-rashom. Ir-relazzjoni kienet wahda felici u kienu jinhabbu. Huma zzewwgu nhar 1 ta' Mejju 2007 u ftit wara twieled it-tifel NB f'X tal-istess sena. Wara t-twelid tal-minuri, il-hajja matrimonjali ma baqghetx wahda felici u kienet karaterizzata minn glied kontinwu tant li f'episodji minnhom, l-attrici kienet assoggetta tal-vjolenza repetittiva da parti tal-intimat. Illi tispjega illi kienet ghamlet anke rapport dwar dan mal-Pulizija. Tistqarr illi minkejja

li kienet qieghda tbati, hija dejjem ghamlet dak li setghet sabiex isalva z-zwieg minnhabba t-tifel. Illi ftit qabel iz-zwieg taghhom tfarrak, kienet saret taf ukoll illi l-intimat kien wettaq adulterju u dana meta binhom kellu biss sena u disgha xhur. Wara ftit kienu pruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni u jsalvaw iz-zwieg pero l-episodji ta' vjolenza bdew jergghu jirripetu ruhhom.

L-attrici tiddikjara illi huma ma kellhom l-ebda assi. Izzid illi wara li kellha t-tifel, hija kienet tahdem u mill-paga li kienet taqla kienet thallas il-maggiorparti tal-ispejjez relatati mal-kirja, zamma tal-fond li kienu jikru, u spejjez relatati mat-trobbija tat-tifel.

Ghalkemm l-intimat kien jahdem u kien jaqla' paga tajba, lilha kien dejjem jghidilha li ma kellux flus biex imantni l-familja, u b'hekk l-ispejjes kien ikollha taghmel tajjeb ghalihom hi. Wara li kien tfarrak iz-zwieg, hija kienet intavolat kawza u l-Qorti kienet ordnat lill-intimat ihallas manteniment ghall-minuri fl-ammont ta' EUR 275 fix-xahar u dritt ta' access supervizjonat mill-Appogg. Tirrileva illi l-intimat kien ghamel madwar sitt (6) xhur jghaddi l-manteniment izda ma baqax ihallas. Tixhed illi l-ahhar darba li l-intimat ra lill-binhom kien meta l-minuri ghamel il-precett u filfatt dan kien l-ahhar kuntatt li kellhom mieghu stante li wara dakinhar l-intimat sparixxa u qatt ma prova jaghmel kuntatt maghhom. Fl-istess zmien li sparixxa, ir-rikorrenti saret taf illi l-intimat kellu diversi djun u kemm –il darba marru jhabbtu n-nies li kellhom jiehdu l-flus minghandu ghand il-genituri taghha. Kienet anke saret taf li l-intimat kellu xi kawza kriminali fil-konfront tieghu. Fir-rigward il-minuri, tistqarr illi kienet hi li dejjem kienet ta' l-uniku sors ts' sostenn ghat-tifel, u minghand missieru it-tifel qatt ma ra ghajnuna u sapport.

**MRM, omm l-attrici, xehdet permezz ta' affidavit *(vide fol 90),*** u spjegat illi fis-2006 bintha kienet qaltilha li bdiet relazzjoni mal-intimat u ftit wara li bdew din ir-relazzjoni, marru jghixu fir-residenza tax-xhud u damu jghixu maghha ghal perjodu qasir hafna qabel iz-zwieg taghhom. Sakemm damu jghixu maghhom, l-intimat qatt ma ikkontribwixxa finanzjarjament jew b'mod iehor god-dar. Wara li twieled il-minuri, beda l-inkwiet u kien hemm episodji kontinwi ta' vjolenza. Tixhed illi hi kienet saret taf illi l-intimat kien infidel versu bintha u filfatt r-ragel taghha u cioe missier l-attrici kien anke rah ma mara ohra. Izid illi dejjem kienet hi u l-familja taghha li ghamlu tajjeb ghat-trobbija tal-minuri materjalment, u dana stante li l-intimat minkejja li kien jahdem dejjem naqas milli jikkontribwixxi ghall-familja. Tispjega illi l-attrici gieli talbitha l-flus ghaliex lanqas biex taghmel ix-xirja ma kien ikollha. Iz-zwieg ta' bintha u l-intimat dam madwar sentejn. Tispega illi jidher li l-intimat kien dahal f'bawxata inkwiet il-ghaliex sahansitra anke marru marixxali jhabbtulha l-bieb minhabba f'hekk. Tixhed illi l-ahhar darba li rat lill-intimat kien meta l-minuri ghamel il-precett u minn dik il-gurnata 'l hawn qatt ma regghat ratu aktar, tant

li minkejja ordni tal-Qorti sabiex ihallas manteniment, hu naqas milli jobdi dan l-ordni.

**L-attrici xehdet ukoll in kontro-ezami nhar l-10 ta' Dicembru 2019** ***(vide fol 101 et seq)*** u kkonfermat illi meta binhom kellu kwazi sentejn kienet sabitu ma' mara ohra, u ghalkemm kien hemm perjodu fejn pruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni, wara ftit kien rega sparixxa. Filfatt l-ahhar li ratu kien meta t-tifel ghamel il-precett. Tispjega illi kien ghamel kuntatt maghha hu peress li hija dejjem zammet l-istess numru tal-mobile u kienet infurmatu li t-tifel wasal biex jaghmel il-precett. Tispjega illi darba minnhom kienet ghaddejja ma' missierha fil-karozza u kienet rat lill-intimat mghannaq ma tfajla ohra li ma tafx minn hi u filfatt kienet marret fuqhom u anke kienet dahlet lill-pulizija ghaliex hi kienet haditha bi kbira. Tikkonferma illi kienet ilha tafu sena qabel ma zzewwgitu u kkonfermat illi t-tifel kien gie koncepit qabel iz-zwieg, pero it-tifel rieduh it-tnejn u ma zzewgux ta' bilfors, b'dana illi hadd ma obbliga lil hadd.

Izzid illi huma kienu biddlu diversi appartamenti. Illi fil-bidu kienu ghamlu perjodu qasir jghixu mal-genituri taghha, u minn hemm marru jghixu Pembroke, San Gwann, u kienu anke regghhu marru San Gwann. Tikkonferma illi l-ahhar kuntatt li kellha mieghu kien meta l-minuri ghamel il-precett u li dak iz-zmien ma kienux jghixu flimkien.

**Joseph Saliba, rapprezentat tal-Jobs Plus xehed nhar l- 4 ta' Novembru 2020 (*vide fol 120 et seq)*** u filwaqt li presenta kopja tal-*employment history* tal-intimat (Dok JS1) xehed illi l-intimat sa dakinhar tat-testimonjanza kellu zewg impjiegi miftuhim, u cioe l-intimat huwa registrat bhala *self-employed,* izda milli jidher din trid tinghalaq stante li ghandu impjieg iehor bhala *refrigeration technician,* pero minn naha tad-Dipartiment qatt ma rcevew *termination for self-employment* da parti tal-intimat.

**Is-Supretendent Louise Calleja xehdet nhar l 4 ta' Novembru 2020** ***(vide fol 122A et seq)*** u spjegat illi l-unika *movement* li ghandhom huwa tluq minn Malta li jmur lura ghat-23 ta' Jannar 2012, meta kien mar lejn Sofia fuq titjira bin-numru KM 782. Illi pero' minn naha tad-Dipartiment huma jkollhom biss *records* ta' movimenti barra miz-zona *Schengen,* b'dana illi jekk ghas-sahha tal-argument, l-intimat mar il-Bulgaria *in transit* mill-Italja jew minn Vienna huma ma jkollhomx *records*. Il-fatt li huwa mar b'titjira diretta f'din l-okkazzjoni hemm *record* taghha.

**Angelo Aquilina prodott mill-attrici nhar l- 4 ta' Frar 2021,** ***(vide fol 128 et seq)*** xehed illi huwa ghandu negozju ta' *refrigeration* u huwa *importer u installer*, u ilu f'dan in-negozju ghal dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena. Jikkonferma illi l-kumpanija bl-isem *Angelo Aquilina*

*Refrigeration Supplies,* hija tieghu. Rigward l-intimat, jispjega illi huwa kien dahal jahdem maghhom fi Frar tas-sena 2016 u spicca fl-ahhar ta' Novembru 2016, b'dana illi huwa ma regax rah izjed u kien propju dakinhar li rah l-ahhar.

Mistoqsi **in kontro-ezami** jekk jafx ir-raguni ghalfejn l-intimat kien spicca mix-xoghol, ix-xhud jispjega illi l-intimat kien qallu li habib tieghu go Dubai kien offrielu xi xoghol b'salarju ahjar u li kien interessat f'din il-proposta.

**Ivan Curmi prodott mill-attrici xehed nhar l- 20 ta' Jannar 2022 (vide fol 158A)** illi kien irrintracca r-records tal-intimat mill-arkivji u jidher illi l-ID tal-intimat u cioe' 46275A, skadiet fil-31 ta' Ottubru 2012 u qatt ma regghet giet mgedda.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba abbandun.

L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

> ***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentjen jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn, u cjoe' (1) l-abbandun idum ghal sentejn jew izjed, (2) li l-abbandun isehh minghajr raguni tajba. Fil-kawza ***Andrea Avellino vs. Regina Avellino***[1], insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

> ***"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall- ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju***

[1] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is- 16 ta' Dicembru 1949.

***tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli.***"

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[2] fejn il-Qorti sostniet illi:

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn."***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta li l-partijiet kienu ltaqghu waqt li l-attrici kienet qieghda btala Ruma fis-sena 2006. Illi sussegwentement huma kienu baghqu f'kuntatt kontinwu tant li wara ftit l-intimat kien gie Malta u stabillixxa ruhhu fil-pajjiz. Illi madwar erba' (4) xhur qabel it-tieg, il-partijiet, marru jirrisjedu fir-residenza tal-genituri tal-attrici, b'dana illi sussegwentement huma kienu krew residenza ghar-rashom. Illi iben il-partijiet NB, gie koncepit qabel iz-zwieg tal-partijiet u filfatt twieled, f'X, b'dana illi llum ghandu circa X- il sena. Illi z-zwieg tal-partijiet gie ccelebrat nhar l- 1 ta'Mejju 2007.

Illi tul il-mori tal-proceduri jirrizulta illi l-intimat kien assistit mill-abbli Dr Fransina Abela qua kuratur, stante li l-intimat deher li kien assenti mill-pajjiz. Illi din il-Qorti rat illi l-attrici xehdet illi l-ahhar kuntatt li hija kellha mal-intimat kien nhar l-Ewwel Tqarbina tal-minuri u cioe madwar tmin (8) snin ilu. Illi l-Qorti rat ukoll illi skond ix-xhieda ta' Angelo Aquilina, *employer* tax-xoghol tal-intimat, l-intimat kien waqaf jahdem maghhom lejn l-ahhar ta' Novembru 2016 u dana peress li l-intimat kien infurmah li gie offrut xoghol gewwa Dubai. Din il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi skond korrispondenza mal-Konslu tal-Bulgarija gewwa Malta, dawn tal-ahhar m'ghandhom l-ebda informazzjoni fuq l-intimat u minkejja li l-abbli kuratur Dr Fransina Abela ppruvat taghmel kuntatt mal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin stante li jidher li l-intimat kien ghamel xi perjodu gewwa l-istess Facilita', ma inghatat l-ebda informazzjoni ghar-rigward.

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Illi wara ezami akkurat tal-provi prodotti, il-Qorti tqis illi l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat. Din il-Qorti rat illi f'inqas minn sentejn zwieg, l-intimat qatt ma pprovda ghall-martu u ibnu, u pprefera jqatta' l-hin tieghu fil-kumpanija ta' nisa ohra. Illi minkejja li l-attrici kienet disposta li terga' tirrikoncilja, dan kien kollu inutli, stante li l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali u lil familtu, meta l-minuri kellu madwar sentejn u tfacca circa erba snin wara, fl-okkazzjoni tal-Ewwel Tqarbina tal-minuri. Minn hemm l-intimat rega sparixxa ghal kollox mill-hajja tal-attrici u ibnu.

Illi mill-atti processwali u l-provi prodotti, il-Qorti tqis li ma rrizultat l-ebda raguni valida li tiggustifika l-abbandun kommess mill-intimat. Ghalhekk, wara li ezaminat il-provi kollha, il-Qorti tqis illi jirrizulta sodisfacentement pruvat illi l-intimat abbanduna id-dar matrimonjali ghal snin twal minghajr raguni tajba, u ghalhekk huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kodici Civili.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> ***"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ,għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jigu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-ohra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodici, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa hati ta' abbandun

u ghaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni ghajr li tapplika fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Il-Qorti rat illi l-attrici ghamlet talba biss ghal separazzjoni personali. Fl-atti ma hemm ebda talba ghal xoljiment jew divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti pero' taghraf illi n- nuqqas ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, tista tippregudika serjament lill-attrici fil-futur.

Il-Qorti rat illi l-Legislatur Malti pero, haseb ukoll ghal tali cirkostanza. Infatti, l-Artikolu 1332 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

> ***(1) Il-qsim ġudizzjarju ta' beni jista' jiġi dikjarat –***
> ***(a) ma' l-interdizzjoni jew l-inkapaċità ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ; jew***
> ***(b) meta s-sitwazzjoni diżordinata ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ jew l-imġieba tagħha dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti tipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti, jew tal-familja jew tal-parti li titlob il-qsim ġudizzjarju tal-beni; jew***
> ***(ċ) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tonqos sostanzjalment fid-dmir li tagħti sehemha għall-ħtiġiet tal-familja skont l-artikolu 3; jew***
> ***(d) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tkun ġiet eskluża mill-amministrazzjoni skont l-artikolu 1325, jew b'mod ġenerali jew sostanzjalment; jew***
> ***(e) <u>mal-firda legali tal-miżżewġin</u>. (enfasi ta' din il-Qorti)***

F'kawzi ta separazzjoni fejn ikun hemm in-nuqqas ta' talba preciza ghal-xoljiment u divizjoni, il-gurisprudenza Maltija irriteniet is-segwenti:

> ***Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti:***
>
> ***L-attriċi titlob biss il-likwidazzjoni u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti, mingħajr ma titlob ukoll ix-xoljiment tagħha. Minkejja dan, il-Qorti tħoss illi jkun xieraq u opportun illi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn ilpartijiet u dana bis-saħħa tal-Artikolu 1332 (1)(e) tal-Kapitolu 16 ta' Liġijiet ta' Malta u wkoll bis-saħħa tal-ħames talba tal-attriċi fejn hija talbet lillQorti tagħti dawk l-ordnijiet u d-direttivi oħra li l-Qorti jidhrilha xierqa. Għaldaqstant bis-saħħa tal-preżenti, il-***

***Qorti qiegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B.***

***Illi l-attriċi tiddikjara illi l-partijiet m'akkwistaw xejn fiż-żwieġ – la propjeta` immobbli, la kontijiet bankarji u lanqas vetturi. Illi għaldaqstant ma hemm xejn li jeħtieġ jiġi likwidat, diviż u assenjat u fil-fatt il-Qorti m'hijiex ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba tal-attriċi.***[3]

Illi fuq il-principju fuq elenkati, il-Qorti tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet xolta u minkejja li jidher li ma hemm ebda assi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti jidhrilha li jkun ghaqli li tiddikjara li kwalunkwe assi mobbli jew immobbli huma assenjati lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati, kwalunkwe kontijiet bankarji ezistenti huma assenjati lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati, b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn intestat f'isimha, bi dritt ta' rivalsa filkaz illi jkollha taghmel tajjeb ghal xi dejn intestat lil parti l-ohra.

**Kura u Kustodja tal-minuri NB**

L-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri iben il-partijiet NB li ghandu circa X- il sena u sabiex tigi awtorizzata tiehu kwalunkwe decisjonijiet relatati mal-istess minuri.

Il-Qorti rat illi permezz tad-digriet taghha tal-31 ta' Awwissu 2020 (*vide fol 113),* kienet ordnat, wara talba mill-istess attrici, illi *pendente lite,* il-kura u l-kustodja tal-minuri kellha tkun fdata f'idejn l-attrici.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [4] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[5] intqal:

***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi***

[3] A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri I B nominata b'digriet tal-Qorti tas-16 ta' Gunju, 2016 vs C B u b'digriet tal-1 ta' Dicembru, 2017 l-Avukat Dr Patrick Valentino u il-PL Daniel Aquilina gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B, Deciza: 5/12/2018.

[4] Enfazi tal-Qorti.

[5] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

> ***vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din ix-xorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[6]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill- genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[7] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[8]

---

[6] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[7] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[8] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[9] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[10]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[11]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[12]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court***

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[10] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[11] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[12] Enfazi tal-Qorti.

> ***to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[13] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Il-Qorti rat illi mill-atti jidher li l-intimat ftit li xejn kien prezenti fil-hajja tal-minuri, ghaliex dejjem kellu prioritajiet differenti, ilu ma jivversa manteniment ghall-minuri ghal numru sostanzjali ta' zmien, u ilu ma jara lit-tifel ghal snin twal. Illi filfatt l-ahhar darba li kien hemm kuntatt bejn l-intimat u l-minuri kien meta l-minuri ghamel l-Ewwel Tqarbina u cioe meta l-minuri kellu madwar sitt (6) snin u nofs b'dana illi llum il-gurnata u cioe madwar tmien (8) snin wara l-ahhar kuntatt, l-attrici m'ghandha l-ebda hjiel ta' fejn l-intimat qieghed possibbilment jirrisjedi jew jekk effettivament ghadux Malta jew telaqx barra mill-pajjiz. Illi llum il-gurnata l-minuri ghandu madwar erbatax (14) – il sena u jirrizulta illi f'hajtu ommu u n-nanniet materni kienu il-fulcrum tal-imhabba, wens u kura tieghu u dana kawza ta' inaffidabilita' assoluta tal-intimat. Dan wassal biex it-trobbija tal-minuri spiccat ir-responsabilita unika tar-rikorrenti li kienet fortunata li sabet il-wens tal-genituri taghha u cioe n-nanniet materni tal-minuri.

Illi di piu', l-assenza tal-missier jaghmilha impossibbli ghar-rikorrenti li tikseb il-firma tal-istess intimat ghal decizjonijiet importanti f'hajjet it-tifel. Decizjonijiet li jinkludu applikazzjonijiet ghall-ezamijiet tal-iskola u dawk statali kif ukoll gha kwalunkwe htiega medika tat-tifel, inkluz interventi kirurgici u dhul fl-isptarijiet. Ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata

[13] Enfazi tal-Qorti.

esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm, b'dana fl-ahjar interess tal-minuri iben il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut u tapplika kontra l-intimat in toto l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli, filwaqt li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet b'dana illi kwalunkwe assi mobbli jew immobbli huma assenjati lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati, kwalunkwe kontijiet bankarji ezistenti huma assenjati lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati, b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn intestat f'isimha, bi dritt ta' rivalsa fil-kaz illi jkollha taghmel tajjeb ghal xi dejn intestat lil parti l-ohra.**

2. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici, in vista ta' dak deciz fit-tielet decide.**

3. **Tilqa' it-tielet talba attrici u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri NB ghandha tkun fdata esklussivament f'idejn l-attrici omm, b'dana illi l-attrici hija awtorizzata tiehu dawk id-decisjonijiet kollha, ordinarji u straordinarji, relatati mas-sahha u edukazzjoni tal-minuri, mal-hrug u mat-tigdid tal-passaporti u safar tal-istess minuri, u dana minghajr il-kunsens, il-firma jew prezenza tal-konvenut;**

4. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba talba in vista ta dak deciz fit-tielet decide.**

5. **Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**